ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMINN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 01** **L-ERBGĦA, 3 TA' LULJU 2019**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar L-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jerome Caruana Cilia, Renald Falzon, Ralph Puli, Josef Christian Masini Vento, Donnha Barbara, Charlie Cuschieri, Daniel Ablett, George Muscat,Marvin Zammit, Sean Apap Meli, Martina Grech

**TALBA**

Iċ-*Chairman* Ralph Puli bħala l-aktar kunsillier anzjan skont l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**01/01 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU**

**Iċ-Chairman Ralph Puli** talab lill-**Kunsillier Renald Falzon** jekk jaċċettax il-ħatra ta' Sindku.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** qara u iffirmat d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ingħata l-ġurament tal-Ħatra tas-Sindku mill-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Martina Herrera.

**Iċ-Chairman Ralph Puli** iddikjara **lil Renald Falzon** Sindku ta' Ħal Qormi.

**Iċ-Chairman Ralph Puli** ppreżenta u libbes l-Insinja ta' Sindku Renald Falzon.

**Is-Sindku Renald Falzon** irringrazzjat lill-Kunsilliera kollha preżenti u kompla jippresiedi l-laqgħa.

## 01/02 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU

**Is-Sindku Renald Falzon** staqsa lill-**Kunsillier Josef Masini Vento** jekk jaċċettax il-ħatra ta’ Viċi Sindku.

**Il-Kunsillier Josef Masini Vento** qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta’ Viċi Sindku, u s-Sindku ddikkjarah bħala Viċi Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Josef Masini Venta** ingħata l-ġurament tal-Ħatra ta’ Viċi Sindku mill-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Martina Herrera.

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

## 01/03 DISKORS TAS-SINDKU

**Is-Sindku Renald Falzon,** indirizza l-ewwel diskors tiegħu li jikkonsisti f’dan li ġej:-

*President tar-Reġjun, Sħabi Kunsilliera, Sinjura Segretarju Ezekuttiv u staff tal-Kunsill Lokali,Kleru taz-zewg Parrocci ,Mistednin distinti, Ċittadini Qriema*
*Grazzi minn qalbi tal-preżenza tagħkom illum, fl-ewwel Seduta ta’ din il-leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi. Il-preżenza tagħkom illum timlini b’kuraġġ għall-ħidma li għandna quddiemna matul dawn il-ħames snin. Grazzi wkoll tmur lil Kav. Kanonku Dun Mario Mangion, li nawguralu għall-kariga l-gdida tieghu, kif ukoll lill-Arcipriet Dun Ewkarist Zammit li laqgħu l-istedina tiegħi u kkonċelebraw il-Quddiesa li biha immarkajna l-bidu tal-ħidma ta’ dan il-Kunsill.*

*Nħossni ferm onorat, emozzjonat u fl-istess ħin kburi li tajtuni l-fiducja tagħkom biex inservi bħala Sindku tal-Belt Pinto, belt li għandha post speċjali f’qalbi.*

*Ħal Qormi, Belt Pinto, fejn għext, trabbejt u llum qiegħed inrabbi familja ta’ tliet t’itfal, flimkien ma’ marti Carmen. Grazzi mill-qalb ta’ din l-opportunita, u min-naħa tiegħi nwiedgħkom li b’umilta se nagħmel ħilti sabiex inkompli ntejjeb fuq il-ħafna tajjeb li diġa sar mis-Sindki u l-Kunsilliera li ġew qabilna, biex flimkien magħkom nkompli ngħollu l-isem ta’ Ħal Qormi.*
*U hawnhekk ippermetuli nirringrazzja lis-Sindki u l-Kunsilliera kollha li servew qabilna, matul dawn il-25 sena kemm ilhom mwaqqfin il-Kunsilli Lokali. Grazzi wkoll tmur lis-Segretarji Ezekuttivi li flimkien mal-istaff tal-Kunsill jagħmlu ħafna xoghol li ma jidhirx, u nassigurakom li mingħajr dawn il-persuni l-Kunsill Lokali ma jistax jopera.*

*Nixtieq ukoll nagħti merħba lit-tim sabiħ ta’ Kunsilliera li ġew eletti, ħafna minnhom uċuħ godda, li flimkien se nkunu qed inservu matul dawn il-ħames snin. Flimkien se nkunu qedgħin naħdmu biex nassiguraw li nħallu lokalita’ aħjar u isbaħ lill-uliedna, lil dawk li ġejjin warajna.*

*Iżda biex nagħmlu dan, aħna, il-Kunsill Lokali, rridu lir-residenti kollha jaħdmu magħna. Irridu lill-Għaqdiet Qriema kollha magħna, għaqdiet tal-festi, sportivi,*

*religjużi u ħafna oħrajn, biex flimkien inkomplu nsaħħu lis-Sports, il-Kultura u t-tradizzjonijiet Qriema. Irridu lir-residenti kollha, biex flimkien nagħmlu d-differenza li hemm bżonn. Dan kollu nistgħu nagħmluh, jekk inkunu magħqudin bħala Qriema u flimkien nfittxu dak li verament jgħaqqadna, l-isem ta' Ħal Qormi.*

*Flimkien, bħala Tim wieħed, irridu nassiguraw li nwettqu l-aspirazzjonijiet tar-residenti, se naħdmu għall-kwalita ta' ħajja aħjar, ambjent aktar nadif, kwalita' ta' arja aktar nadifa u ħafna aktar innizjativi favur Ħal Qormi u r-residenti Qriema.*

*Fejn jidħol ambjent irridu nkomplu ntejbu s-servizzi li diġa qedgħin noffru, fejn jidħol ġbir tas-skart, knis, ġbir ta' skart goff, tindif u tisbiħ ta' ġonna u ħafna aktar. Irridu nibdew kampanja edukattiva flimkien mar-residenti sabiex ikun hemm kooperazzjoni aħjar u inqas inkonvenjent għal kulħadd. Irridu insaħħu l-infurzar min-naħa ta' l-awtoritajiet konċernati fuq min illum qiegħed jabbuza, għax irridu tassew li jkollna Ħal Qormi aktar nadif.*
*Flimkien mal-Gvern Ċentrali riedu naħdmu fuq innizjattivi biex innaqqsu t-traffiku, specjalment miċ-Ċentru tal-lokalita', biex b'hekk inkunu wkoll qegħdin innaqqsu t-tniġġis ta' l-arja, innizjattivi biex intaffu l-problema tal-parkeġġ.*

*Dan il-Kunsill huwa kommess li jaħdem id f'id mal-Gvern Ċentrali sabiex inkomplu ntejbu l-infrastruttura, permezz ta' wċuh ġodda lit-toroq tagħna, kemm fiċ-ċentru, kif ukoll fil-periferiji u fiz-zoni rurali. Għandna nkomplu bil-programm ta' manutenzjoni ta' bankini u fejn hu possibli jsiru bankini godda f'toroq li sal-lum m'hemmx.*

*Irridu naħdmu biex intejbu s-servizz ta' Trasport Pubbliku u nesploraw il-possibilta ta' Transport Pubbliku alternattiv, servizzi ġodda li jaqdu l-ħtigijiet tar-residenti tagħna, specjalment dawk anzjani.*

*Dan il-Kunsill irrid jaħdem id f'id mal-Gvern Ċentrali, biex ikollna soċjeta' aktar ġusta, aktar ħanina u nassiguraw li tingħata kull għajnuna biex ngħinu lil dik il-persuna li minħabba ċertu ċirkustanzi qed taqa' lura. U dan nistgħu nagħmluh billi nsaħħu u nagħtu priorita lill-edukazzjoni, nżiedu aktar korsijiet sussidjati mill-Kunsill Lokali, ntejbu s-servizzi li jipprovdu l-libreriji tagħna, insaħħu r-relazzjonijiet ma' l-iskejjel li għandna fil-lokalita u ħafna inizzjativi oħra favur l-edukazzjoni, biex b'hekk ninkoragixxu lit-tfal u żgħażagħ tagħna jkomplu bl-istudji tagħhom.*

*Irridu naħdmu biex flimkien mal-Gvern Ċentrali nsaħħu s-servizzi tas-saħħa ġewwa l-lokalita tagħna, mhux biss ntejjbu, imma rridu nagħmlu pressjoni sabiex jiżdiedu s-servizzi li jiġu pprovduti fiċ-Ċentru tas-Saħħa li għandna ġewwa Ħal Qormi, biex verament isservi l-bżonnijiet tar-residenti Qriema. Flimkien mal-Gvern Centrali irridu niddiskutu biex ntejbu s-servizzi għall-anzjani tagħna u nesploraw il-possibiltajiet li jkollna aktar djar ta' l-anzjani ġewwa Ħal Qormi, bħal Dar Pinto, li nfetħet riċentament. Irridu ntejjbu s-servizzi ta' Day Care Centre li għandna mal-Binja tal-Kunsill għax verament nemmen li lill-anzjani tagħna irridu nagħtuhom l-aħjar u l-aqwa kura.*

*Dan il-Kunsill se jaħdem biex isiru aktar proġetti favur il-familji tagħna. Irridu naraw li l-familji tagħna jkollhom aktar spazji miftuħa, fejn ikunu jistgħu iqattgħu aktar ħin ta' kwalita' mal-għeżież tagħhom. U hawnhekk nista ngħid li diġa tlaqna bi pjan biex isir tisbiħ fuq diversi ġonna, bil-possibilta' li noħolqu wkoll ġonna oħra, ġodda. Nistgħu*

*nsemmu ir-riġenerazzjoni tal-ġnien f'Misraħ Iż-Żebbuġ, proġett li qiegħed fis-stadju avvanzat, it-tisbiħ tal-ġnien fi Triq is-Sajf u Ġnien ġdid fi Triq Id-Deheb Fin, fiz-zona ta' Farżina u ħafna aktar proġetti favur il-familji tagħna, biex ngħinu fi tisħiħ tal-valuri tal-familja tagħna.*

*Irridu nibżgħu wkoll għal wirt li ħallewna missirijietna. Għaldaqstant irridu nimbarkaw fuq pjan ta' restawr ta diversi opri sbieħ li għandna fit-toroq tagħna, fosthom diversi statwi. Fil-pjan immedjat għandna f'moħħna r-restawr tal-istatwa ta' San Gorg fi Triq il-Ħelsien, restawr tal-istatwa ta' San Guzepp fejn il-Vitorja, tal-Madonna ta' Lourdes fi Pjazza San Frangisk, kif ukoll in-niċċa ta' San Gwakkin fi Triq San Gwakkin, int u ħiereg għal by-pass ta' l-Imrieħel.*
*Irridu naħdmu wkoll fuq ir-restawr tal-Mitħna li għandna fi Triq il-Mitħna. Hemm ħafna xogħol x'isir li aħna lesti li nidħlu għalih b'ruħna u ġisimna sabiex nassiguraw li l-ebda waħda minn dawn l-opri ma tintilef, anzi titgawda aktar.*

*Irridu nkomplu naħdmu id f'id mal-għaqdiet tagħna biex l-għaqdiet jibqgħu b'saħħithom u jibqgħu attivi fis-soċjeta tagħna, u flimkien nkomplu norganizzaw attivitajiet biex nżommu ħajjin t-tradizzjonijiet u l-kultura tagħna l-Qriema. Aħna iffurtunati li għandna għaqdiet ħajjin li dejjem għaddejjin, mogħnija b'żgħażagħ mimlija b'ħafna saħħa, enerġija u entużjażmu u li jimlewna s-sena bl-attivajiet. Determinati li nkomplu nagħtukom is-sapport, biex iva iżżommulna lil Ħal Qormi ħaj.*

*U għal dan kollu l-appell tiegħi fit-tmiem ta' dan l-ewwel diskors tiegħi, huwa wieħed. Kunu magħna. Aħna se nkunu hemm għal kull Qormi u Qormija, flimkien se noħolmu u naħdmu ghal Ħal Qormi aħjar, flimkien irridu nagħmlu d-differenza, għax verament irridu l-gid lilkom r-residenti Qriema, għax Ħal Qormi qiegħed f'qalbna, flimkien nkomplu naħdmu biex nkomplu nogħlu l-isem ta' Ħal Qormi.*

**01/04 MOZZJONI - ĦIN TAS-SEDUTA**

**Is-Sindku Renald Falzon** stiednet qbil fil-Kunsill sabiex is-Seduta tibda ssir kull l-ewwel Tnejn tax-xahar u għal dan il-għan ressqet din il-mozzjoni.

"Nipproponi li x-xogħol tal-Kunsill (Seduti) għandu jsir kull l-ewwel Tnejn ta' kull xahar fis-6.30 ta' filgħaxija."

**Il-Kunsilliera kolla preżenti** issekondaw din il-mozzjoni .

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**01/05 ASSENJAZZJONI TAR-RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERA**

Is-Sindku Renald Falzon ressqet l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera u dan wara li kkonsultat ma' kull wieħed u waħda minnhom.

**Renald Falzon (Sindku)**

- Infrastruttura u progetti
- Relazzjonijiet Pubblici
- Kultura
- Publikazzjonijiet tal-Kunsill
- Media
- Reklamar

**Jerome Caruana Cilia**

- Innovazzjoni
- Ricerka
- Benessere tar-residenti

**Ralph Puli**

- Turizmu
- Integrazzjoni socjali

**Josef Masini Ventu (Vici Sindku)**

- Qasam Socjali
- Edukazzjoni
- Skejjel
- Libreriji
- Korsijiet
- Kampanji edukattivi

**Donnha Barbara**

- Ambjent
- Indafa
- Inizjattivi u edukazzjoni ambjentali
- Studju fuq tniggis
- Ghaqdiet Ambjentali
- Gonna / Spazzji miftuha / Widien / Kampanja.
- Sanita

**Daniel Ablett**

- Sports
- Attivitajiet
- Kampanja Edukattiva favur l-ezercizzju fiziku
- Facilitajiet sportivi
- Ghaqdiet sportivi

**Marvin Zammit**

- Raprezentant Gal Xlokk
- Fondi Ewropej
- Inizjattivi u servizzi favur il-Kummerc
- Inizjattivi favur persuni b'dizabilta
- Sotto kumitat – persuni b'dizabilita

**Charlie Cuschieri**

- Harsien ta' l-annimali
- Attivitajiet relatati ma' l-animali
- Facilitajiet ta' l-annimali
- Edukazzjoni relatata ma' l-animali. (Trobbija, drittijiet, rispett)

**George Muscat**

- Kommunitajiet.
- Progetti relatati ma' kommunitajiet.
- Fondi relatati ma' kommunitajiet

**Sean Apap Meli**

- Anzjani
- Day Care Centre
- Infurzar – LESA / Pulizija
- Customer Care

**Martina Grech**

- Zghazagh u tfal
- Relazzjonijiet Internazzjonali
- Gemeleggi
- Tecknologija u Informattika

Is-Sindku Renald Falzon stieden lill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia, bħala Minority Leader jagħmel diskors tal-okkażjoni.

*"Ippermettuli nieħu spun minn dak li ntqal waqt l-omelija tal-Quddiesa. Kif qal sew l-Arċipriet huwa mportanti li l-membri kollha jżommu quddiemhom għajnejhom, il-ġid tar-residenti u dak kollu li jagħmilna Qriema. Huwa mportanti li l-Kunsill jaħdem f'għaqda u armonija sabiex inkomplu nibnu fuq dak kollu li ħallewlna ta' qabilna. Min-naħa tiegħi nirringrazzja lil dawk kollha li servew fil-Kunsill qabilna u nwiegħed li se nkompli naħdem sabiex inwassal il-vuċi tar-residenti. Grazzi'*

**01/06 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 5 t'Awwissu 2019 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Renald Falzon**<br>**Sindku** | **Karen Camilleri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

Minuti approvati llum 5  ta' Awwissu 2019.